MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2009

Numru 786/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**Versus**

**George Lucchese**

**U**

**Adrian Lucchese**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra

**George Lucchese** ta’ 40 sena bin Carmelo u Angela nee Farrugia, imwieled il-Pieta’ fil-5 t’Ottubru, 1963 u li joqgħod f’Simon Flats, Flat 1, Triq Luigi Pisani, Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 549863 (M)

U

**Adrian Scicluna** ta’ 22 sena, bin missier mhux magħruf u Jacqueline nee Scicluna, imwieled il-Pieta’ fit-2 ta’ Lulju 1982 u li joqgħod fi Block 2 Flat 1 Triq l-Għassieli Kalkara u detentur tal-karta tal-identita’ numru 351482 (M)

Akkużati talli fid-19 ta’ Settembru, 2004 u fil-ġranet u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer, b’diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b’riżoluzzjoni waħda:

a. iffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll mexxew biljetti tal-flus falsifikati, liema biljetti tal-flus falsifikati humwa ta’ flus Maltin meta kienu jafu li juma falsifikati.  (Arti.45 tal-Kap 204 u 18 tal-Kap 9).

b. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi , mingħajr awtorita’ legali jew mingħajr skuża leġittima jew raġinevoli xtraw jew irċevew mingħand xi persuna kif ukoll kellhom fil-pussess taħghom biljetti bil-flus Maltin falsifikati meta kienu jafu li l-istess huma falsifikati.  (Artikolu 46 tal-Kap 204 u l-artikolu 18 tal-Kap 9)

ċ.U aktar talli, fl-istess data, lok u ċirkstanzi, għamlu falsifikazzjoni f’Att awtentiku u pubbliku jew fi skrittura kummerċjali jew ta’ bank privat b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew il-firem, billi ħolqu pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi jew billi daħħlu  dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi  wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żiedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, kif ukoll talli xjentement għamlu użu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza, (Art. 18, 183 u 184 tal-Kap 9)

d. u aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi b’mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta’ ismijiet foloz jew ta’

kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi ruew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji jew sabiex iqanqlu tama jew biża dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ ta' anqas minn Lm100 (€233) għad-dannu ta' Paul and Rocco Services Station, Cassar Service Station, diversi pompli tal-petrol u sidien tal-petrol stations oħra, u persuni oħra. (Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kap 9).

e.u aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkommettew serq ta' diesel u petrol minn diversi petrol stations, fosthom Paul and Rocco Service Station tal-Marsa, Cassar Service Station taż-Żejtun u pompi oħra għad-dannu tas-sidien tal-istess pompli u persuni oħra,liema serq hu aggravate bil-mezz, bil-ħin u bil-lok;; (Artikoli 18, 263, 269 u 270 tal-Kap 9);

f. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ msiruqa, meħdua b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex imexxuhom jew ibiegħuhom; (Artikoli 18 u 334 tal-Kap 9).

Il-Qorti ntalbet ukoll li f'każ ta' sejbien ta' ħtija, barra milli tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha esibiti.

Il-Qorti ntalbet ukoll tapplika l-artikolu 533 tal-Kap 9 dwar l-ispejjeż tal-esperti maħtura matul dawn il-proċeduri f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess inklużi ċ-ċertifikati tat-twelid tal-imputati li jġibu n-numri 5498 tal-1963 u 3514 tal-1982 rispettivament, it-tweġiba mogħtija miż-żewġ imputati li mhumiex ħatja tal-imputazzjonijiet dedotti kontrihom, il-fedini penali tagħhom b'dik ta' Adrian Scicluna netta għal kollox, ir-ritratti ppreżentati mill-Prosekuzzjoni mmarkati JIA1, l-istqarrijiet tal-imputati (fol 32 u 34), l-artikoli tal-Avukat Ġenerali a fol.117 u l-istqarrija tal-imputati li riedu li dawn il-proċeduri jkunu deċiżi minn din il-Qorti. (Fol.116)

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

4. Semgħet it-trattazzjoni tad-difiża li fiha nsistiet li ma kienx hemm provi biżżejjed kontra l-imputati waqt li l-Prosekuzzjoni aktar tard iddikjarat li kienet qed toqgħod fuq il-provi.

Ikkonsidrat

5. Li mix-xhieda tal-Ispettur Ian Joseph Abdilla fl-10 ta' Settembru 2004 l-iskwadra kontra l-frodi kienet indunat li kien hawn ħafna flus foloz fl-idejn b'serial number ġdid. Dawn il-flus kienu qed jidhru fil-pompi tal-petrol. Kien hemm diversi pompi tal-petrol li sfaw vittmi fosthom Paul and Rocco tal-Marsa, Cini Service Station tal-Marsa, F.Busuttil and Sons Service Station taż-Żejtun u Cassar Service Station taż-Żejtun.

6. Il-Petrol Station ta' Paul and Rocco tal-Marsa tat recording u minnhom il-Prosekuzzjoni ħarġet set prints ta' dak li seħħ bejn it-13 u l-14 ta' Settembru 2004. Fid-8.40pm dehru tliet persuni jippruvaw jieħdu fuel mill-pompa iżda ma rnexxielhomx għax il-magna ma aċċettatx il-flus minn għandhom. F'dan ir-ritratti jidhru George Lucchese, Adrian Scicluna u ċertu Nazzareno Dalli. L-Ispettur xehed li George Lucchese jbati minn ċertu mard u ma setax jiftakar.

7. Mill-istqarrija ta' George Lucchese jirriżulta li meta kien muri s-sett ritratti meħudin fil-lejl ta' bejn it-13 u l-14 ta' Settembru, 2004 huwa għaraf lilu nnifsu kif ukoll lil Adrian Scicluna u 'l Nazzareno. (Fol.32). Nazzareno kien talabhom imorru miegħu biex jagħtu l-fuel. Kien saq Nazzarenou marru l-Marsa u x'imkien ieħor li ma ftakarx fejn. Nazzareno kien tahom Lm40 li kien jaħseb li kienu tajbin. Huwa ma kienx jaf jekk tax fuel dak in-nhar.

8. Mill-istqarrija ta' Adrian Scicluna jirriżulta li għaraf lilu nnifsu fir-ritratti. Huwa għaraf il-vettura Metro li dak kien in-nhar kienu biegħuha lil tal-Mugia. Petrol fil-Metro ma kellux u talabhom imorru għall-petrol. Tal-Mugia kien ta lil

missieru xi flus bħala parti mid-deal.Waslu l-pompa u George Lucchese kien qabad Lm5 u qallu biex imur jimla jerry can safra. La hu u lanqas George Lucchese (li fl-istqarriaj huwa msejjaħ il-missier) ma kienu jafu li l-flus kienu foloz. Damu jippruvaw u meta raw li l-magna ma kenitx qed tieħu l-flus sejħu lil tal-Mugia. Dan ipprova jiftaħha hu iżda xorta l-magna ma ħadithiex. Marru fil-pompa taż-Żejtun u din bdiet tieħu l-flus. Sa dak il-ħin huma ma kinux jafu li dawk kienu flus foloz. Dak il-ħin mela jerry can biss imma mbaggad marru hu u missieru fl-istess pompa taż-Żejtun bil-Mini tal-imputat (Adrian Scicluna) u kien imlieha. L-għada tal-Mugia qalilhom li kienu flus foloz. Dan l-imputat qal li fuqu kellu Lm30. Minn dawn Lm10 tefgħuhom petrol, Lm10 qattagħha u l-Lm10 l-oħra serquhielu. Il-flus kollha kienu tal-ħames liri u kellu sitta b'kollox. Huwa nnega li kien ta l-flus minn jheddu lil min qal li kienu serquhomlu u nnega wkoll li kienu jafu li l-flus kienu foloz.

9. Xehed George Buhagiar sid il-Paul and Rocco Service Station. Dan kien għamel rapport li kien sab il-flus foloz fil-pompa. Huwa kkonferma li r-ritratti ttieħdu mill-pompa tiegħu. Huwas spjega li l-flus bil-fors jinżlu waħda taħt l-oħra. Imbagħad jekk issib il-15-il waħda ħażina, isibuhom wara xulxin mill-computer u jqabblu. Imbagħad tfittex fuq l-iscreen biex tara min kien li tefa' l-flus ħżiena. Huwa kien ċert fl-għadd tiegħu. Is-sistema kienet diġa' stallata qabel it-13 ta' Settembru. Huma kienu daħħlu din is-sistema għax riedu jkunu jafu min kien qed jitfa' l-flus foloz.

10. PC 273 Frankie Carbone xehed li wara li sar rapport minn għand Paul and Rocco li kien sab xi flus foloz huwa tahom il-video fejn dehru l-imputati. Dawn kienu qed jippruvaw jagħtu flus lill-pompa biex jimlew il-petrol fil-jerry can. Għal xi raġuni l-magna ma ħadmitx. Fil-video jidhru li ppruvaw kemm-il darba. Ipprova Adrian Scicluna kif jidher fil-video. Għal xi raġuni dak il-ħin ma ħadux u telqu.

11. Il-Prosekuzzjoni għalqet il-provi fis-26 ta' Settembru 2007.

12, L-Avukat Ġenerali ta dawn l-artikoli:

45 u 46 tal-Kap 204;

18, 183, 184, 263, 269, 270, 334, 31, 20, 23, u 533 tal-Kap 9.

13. Għad-difiża xehed Dr.Mark Xuereb fil-21 ta' Mejju 2008. Dan qal li George Lucchese għandu kundizzjoni psikoloġika mingħajr ma wieħed irid jsikuża jekk ikun kiser il-Liġi. Huwa jsofri minn unipolar depression. Huwa jagħmel ċerta azzjonijeit sforz l-impulsivita' u wara jiddispjaċih. Dawn jagħmilhom mhux b'malizzja u lanqas għax irid iqarraq. Kellu wkoll il-ħsieb li jmur jaqbeż. Huwa jipprova 'jikkowpja' wkoll u jixrob. (Ara fol.126). Għandu wkoll dawk li jissejħu ongoing perpetuating factors u psychosocial stresses. Huwa jieħu ċerti pilloli li għandhom ċerti side effects.

Ikkonsidrat

14. L-ewwelnett il-Qorti kienet qed tistenna li jispiċċaw il-proċeduri kontra persuna oħra għax il-Prosekuzzjoni kellha intenzjoni li tressqu. Dan ix-xhud ma tressaq qatt.

15. It-tieni, għalkemm tissemma pompa oħra tal-petrol fl-imputazzjonijiet – dik ta' Cassar Service Station taż-Żejtun u *pompi* oħra – (ara imputazzjonijiet (d) u (e)), il-provi jirreferu b'mod partikolari għal dak li ġara fil-Paul and Rocco Service Station tal-Marsa u fl-istqarrija tiegħu l-imputat Adrian Scicluna isemmi l-pompa taż-Żejtun (li qegħda isfel minn Ta' Montebello) u jgħid li mela l-jerry can biss iżda wara marru hu u l-imputat l-ieħor bil-Mini tiegħu fl-istess pompa taż-Żejtun u kienu mlewha. (Ara fol.35). Għalhekk mill-provi, l-evidenza konkreta tirreferi għal żewġ petrol stations biss.

16. Mill-provi jirriżulta li Paul and Rocco tal-Marsa sabu xi flus foloz, qabblu l-ħin tal-computer mal-ħin tal-video u għalhekk kienu prodotti r-ritratti fejn l-imputati, fl-istqarrijiet li għamlu, għarfu lilhom infushom. Mill-provi ma jirriżultax li ħadu l-petrol mill-istazzjon ta' Paul and Rocco. Fil-fatt

mix-xhieda fil-kontro-eżami ta’ PC 273 Frankie Carbone jirriżulta dan:

***‘Jekk minix sejjer żball ma ħadux dak in-nhar.  Biss jidher li kellhom ammont ta’ flus f’idejhom waħda wara l-oħra.’  (fol.77)***

**Artikolu 45 tal-Kap 204 – L-ewwel Imputazzjoni**

17. Fl-ewwel imputazzjoni l-imputati huma akkużati li ffalsifikaw biljetti tal-flus kif ukoll li mexxew biljetti tal-flus falsifikati meta kienu jafu li huma falsifikati.

18. Il-Qorti fliet il-provi tajjeb u ma sabitx prova li l-imputati ffalsifikaw xi flus.

19. Imbagħad eżaminat il-provi sabiex tara jekk l-imputati mexxewx flus iffalsifikati.  Li l-flus kienu foloz jirriżulta mix-xhieda ta’ George Buhagiar sid il-Paul and Rocco Station li għamel ir-rapport dwar il-flus foloz li kienu sabu u li spjega l-mekkaniżmu kif jaħdem u kif wieħed jista’ jqabbel il-mument meta l-flus waqgħu waħda fuq l-oħra mal-ħin meta l-persuna tkun qed titfagħhom. L-imputati għarfu lilhom infushom fir-ritratti.

20. Il-Prosekuzzjoni ma ppreżentatx il-flus foloz li nġabru minn George Buhagiar f’dawn il-proċeduri u lanqas ma tqabbad xi espert biex jeżaminahom. Iżda l-prova tal-falżita’ tal-flus kif ukoll tax-xjenza tal-falzita’ jistgħu jsiru b’modi oħra.

21. Fl-istqarrija ta’ George Lucchese hemm biss il-kliem:

‘Naħseb li kienu tajbin’ (fol.33)

22. Fl-istqarrija ta’ Adrian Scicluna hemm dan il-kliem:

‘Sadanittant la jien u lanqas missieri ma konna nafu li l-flus kienu foloz.  Domna nippruvaw ftit fil-magna imam meta ndunajna li ma setgħetx tieġu l-flus għajjtna lil Ronald.  Hu ġie jipprova jiftaħħa iżda din ma ħadithiex. Minn hemmehkk aħna tlaqna u morna fil-pompa taż-

Żejtun……Hemmhekk bdiet tieħu l-flus. Sa dak il-ħin ma konniex nafu li kienu foloz. Ma niftakarx eżatt kemm tajna flus. Dak il-ħin imlejt gerry can biss, imam wara mort jiena u missieri fl-istess pompa taż-Żejtun bil-Mini tiegħi u kont imlejtha. L-għada Ronald ġie qalilna li l-flus kienu foloz.’.

23. Aktar ‘l isfel l-istess imputat qal li kienu saru jafu wara.’

24. L-istqarrija ta’ Adrian Scicluna ma tiswiex bħala prova fil-konfront ta’ George Lucchese.

25. Il-Qorti qed tiddeċiedi li m’għandhiex quddiemha prova ċara – forensika jew permezz ta’ xhieda oħra li George Lucchese kien jaf u/jew li mexxa flus foloz. Għaldaqstant qed tilliberah mill-ewwel imputazzjoni.

26. Min-naħa l-oħra l-Qorti ma temminx li Adrian Scicluna ma kienx jaf li l-flus huma foloz . Huwa inverosimili li wieħed l-ewwel jieħu jerry can biss mill-pompa taż-Żejtun imma **wara** jmur u jimla l-karozza Mini (fol.35) **mill-istess pompa**. Adrian Scicluna kellu daqshekk ħtieġa tal-petrol li jmur mill-ewwel jimla l-Mini u jinqeda fl-istess pompa qisha din hija l-unika pompa li hemm fin-nofs in-nhar ta’ Malta. Adrian Scicluna kien jaf li kellu l-flus foloz f’idejh u seta’ jużahom malajr kemm jista’ jkun billi jieħu l-petrol minn pompa li kienet qet taċċetta l-flus. Il-prova tal-falzita u l-provi tax-xjenza tal-falzita joħorġu mill-istqarrija. Għalhekk il-Qorti qed issib lil Adrian Scicluna ħati tal-ewwel imputazzjoni.

**Artikolu 46 – It-tieni imputazzjoni**

27. Għar-raġunijiet mogħtija fil-paragrafi preċedenti, il-Qorti hija soddisfatta li Adrian Scicluna kien jaf li kellu l-flus foloz f’idejh waqt li l-Qorti għandha lurking doubt dwar George Lucchese. Għalhekk qed issib lil Adrian Scicluna ħati tat-tieni imputazzjoni u qed tillibera lil George Lucchese mit-tieni imputazzjoni minħabba nuqqas ta’ provi.

**Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 It-Tielet Imputazzjoni**

28. Din l-imputazzjoni għandha x'taqsam mal-iffalsifikar ta' dokumenti. Kif diġa' ntqal dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova li l-imputati ffalsifikaw il-flus. Għalhekk qed tillibera liż-żewġ imputati minn din l-imputazzjoni.

**Ir-raba' Imputazzjoni - ebda artikolu mill-Avukat Ġenerali.**

29. Dwar din l-imputazzjoni l-Avukat Ġenerali ma ta l-ebda artikolu. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputati minn din l-imputazzjoni.

**Artikoli 263, 269 (c), 270 tal-Kap 9 Il-Ħames Imputazzjoni.**

30. Mill-provi ma jirriżultax li ttieħed petrol mill-Paul and Rocco Service Station tal-Marsa iżda li l-imputat Adrian Scicluna, skond l-istqarrija tiegħu stess, ħa l-petrol minn għand Cassar Service Station taż-Żejtun permezz ta' flus foloz. Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat George Lucchese minn din l-imputazzjoni u qed issib lil Adrian Scicluna ħati ta' din l-imputazzjoni iżda mingħajr l-aggravju tal-mezz.

**Artikolu 334 - Is-Sitt Imputazzjoni**

31. Din l-imputazzjoni hija biss alternattiva għall-ħames imputazzjoni u għalhekk il-Qorti mhix qed tieħu konjizzjoni tagħha.

32. L-artikolu 533 ma japplikax għax ma nħatru ebda esperti.

**Konklużjoni**

33. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 45 u 46 tal-Kap 204; l-artikoli 18, 183, 184, 263, 269(ċ), 270, 334, 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 qed tiddeċiedi kif ġej:

(1) Qed tillibera lill-imputat George Lucchese mill-ewwel, mit-tieni, mit-tielet, mir-raba' u mill-ħames imputazzjoni dedotta kontrih waqt li mhix tieħu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni għar-raġunijiet mogħtija aktar 'il fuq.

(2) Qed issib lil Adrian Scicluna ħati tal-ewwel, tat-tieni imputazzjoni u tal-ħames imputazzjoni (mingħajr l-aggravju tal-mezz u limitat għat-teħid ta' petrol mikll-Cassar Service Station biss) u qed tilliberah mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni waqt li mhix tieħu konjizzjoni tas-sitt imputazzjoni dedotta kontra dan l-imputat għar-raġunijiet esposti. Il-Qorti, wara li rat li l-imputat għandu fedina nadifa, flok tikkundannah il-Qorti qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien tliet snin mil-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 466 lill-imputat fi kliem sempliċi.

34. Stante li ma kienx ippreżentat ebda esibit, il-Qorti m'għandhiex x'tikkonfiska jew x'tgħaddi lill-Awtoritajiet tal-Bank Ċentrali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------